**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 1152/2018 GM**

**Tarek S. Amer Bin Muftah bin-numru tal-Passaport Libjana C09LPNZC**

**vs**

**Interantional Horses Transport Limited (C 58582), u**

**Ivan Riccardi bin-numru tal-Passaport Taljan AA1956194**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Tarek S. Amer Bin Muftah li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Ir-rikorrent, li huwa ta' nazzjonalita' Libjana kien akkwista numru ta' żwiemel tat-tiġrija mingħand bejjiegħ Taljan;

2. Il-kumpannija konvenuta hi kumpannija li tippreżenta ruħha bħala esperta fit-trasport internazzjonali taż-żwiemel. II-kumpannija konvenuta hi kontrollata interament minn Ivan Riccardi li ħa ħsieb personalment tal-arranġamenti kollha li kellhom isiru.

3. Sussegwentement, ir-rikorrent kien inkariga lill-kumpannija International Horses Transport Limited sabiex tiehu ħsieb iż-żwiemel in kwistjoni u twassalhom mill-Italja sal-Libja. Il-konvenuta kienet responsabbli għas-saħħa taż-żwiemel fdati f'idejha u kienet intrabtet li twassalhom għand l-attur il-Libja, qawwijin u sħaħ.

4. Jirriżulta li l-kumpannija Konvenuta ma qdietx l-inkarigu tagħha fedelment u bħala riżultat tal-inadempjenza tagħha ż-żwiemel waslu l-Libja mejta jew korruti gravement tant li dawk li kienu għadhom ħażin kellhom jitraqqdu mill-veterinarji wara li ġew żbarkati fil-port ta' Misurata.

5. Fil-fatt jirriżulta li l-kumpannija konvenuta kienet ġabet iż-żwiemel Malta fejn wara li żammithom hawn għal diversi ġimgħat għabbiethom flimkien ma' ħafna żwiemel oħra fuq il-bastiment MV Med Patron, bastiment li evidentement ma kienx ideoneju għal dan it-tip ta' vjaġġ.

6. L-attur ma kienx involut fid-deċiżjonijiet li ttiehdu mill-konvenuti u li wasslu għat-telfa taż-żwiemel liema deċiżjonijiet kienu interament fid-diskrezzjoni tal-konvenuti.

7. B'riżultat tal-inademonenza tal-konvenuti, l-attur sofra danni konsistenti fl-ispejjeż li ħallas għall-akkwist taż-żwiemel u dawk li ħallas lill-konvenut kif ukoll telf ta' qligħ billi l-esponent kien akkwista ż-żwiemel, kif jafu l-konvenuti, għal skopijiet ta' kummerċ.

8. Interpellat għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-konvenuti baqgħu inadempjenti

9. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kkaġunati lir-rikorrenti kif brevement premess f'dan ir-rikors;

2. Tillikwida d-danni sofferti u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-ħlas prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportun.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' International Horses Transport Limited (C-5852) u Ivan Riccardi li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Fl-ewwel lok l-attur huwa nieqes mill-interess ġuridiku u dan peress li qatt ma ta xi inkarigu lill-intimati jew xi wieħed minnhom u lanqas ma akkwista żwiemel li inġarru f'dak il-vjaġġ mertu tal-kawża u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, Ivan Riccardi fil-kwalita' tiegħu personali m'huwiex il-leġittimu kuntradittur stante li hu ma jippresta ebda servizzi ta' trasport u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Din il-kawża hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta'.

4. Mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit u in rigward il-mertu tal-kawża, jiġi eċċepit illi l-esponenti m'humiex responsabbli għal dak allegatament akkadut u dan peress li fil-vjaġġ kollu li għalih issir riferenza fir-rikors ġuramentat ittieħdu l-passi kollha ta' prekawzjoni kif meħtieġ.

5. L-esponenti ma għandhomx l-ebda responsabbilta' għal dak allegatament akkadut waqt il-vjaġġ bil-baħar kif allegat fir-rikors ġuramentat u dan peress illi l-vjaġġ bil-baħar sar minn LOGSERV Company Limited.

6. Mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, l-esponenti jeċċepixxi l-forza maġġuri.

7. L-attur għandu jipprova li ż-żwiemel imsemmija mietu jew ġew debilati severament a kawża ta' xi tort imputabbli lill-esponenti.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Din hija kawża li fiha l-attur, Libyan, jgħid li xtara disat iżwiemel mingħand bejjiegħ Taljan u ftihem mal-konvenuti sabiex jieħdu ħsieb iġorruhomlu sal-Libya. Iż-żwiemel ma nġarrux direttament lejn il-Libya imma l-ewwel inġiebu Malta mbagħad intbagħtu fuq vapur lejn il-Libya. Waslu Malta, u telqu minn Malta, qawwijin u sħaħ skont kif iċċertifikat mill-awtoritajiet veterinarji Maltin. B’danakollu waqt il-vjaġġ lejn il-Libya, tlieta minnhom mietu u sitta oħra kellhom jinqatlu minħabba l-mankamenti li kellhom. Il-kaptan tal-vapur atribwixxa l-ħsara li saret lil maltempata qawwija. L-attur isostni li l-ħsara seħħet

tort tal-konvenuti u permezz ta' din l-kawża qiegħed ifittixhom għad-danni. Il-konvenut Ivan Riccardi jeċċepixxi li ma ftihem xejn mal-attur; International Horses Transport Limited teċċepixxi l-forza maġġuri, fost l-oħrajn.

In sostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu, l-attur ippreżenta affidavit dettaljat flimkien ma' numru ta' dokumenti rilevanti. Minħabba li naqas li jippreżenta ruħu għall-kontro-eżami, minkejja li ngħata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, fuq talba tal-konvenuti l-Qorti sfilzat l-affidavit – sintendi d-dokumenti kellhom jiġu sfilzati wkoll għaliex jiffurmaw parti mill-affidavit.

Minħabba f'hekk, il-Qorti m'għandhiex disponibbli prova li l-attur tassew kien sid taż-żwiemel. International Horses Transport Limited tammetti li kellha ftehim miegħu kif allegat fir-rikors maħluf. B'danakollu l-Qorti m'għandhiex kopja ta' dan il-ftehim. Lanqas għandha tagħrif dwar iċ-*charter* li bih iż-żwiemel tgħabbew fuq il-vapur li għamel il-vjaġġ bejn Malta u l-Libya. International Horses tiddefendi lilha nfisha billi teċċepixxi l-forza maġġuri u ċjoe` l-maltempata li allegatament il-vapur sab ruħu fiha. Iżda qabel ma tikkunsidra kwalunkwe difiża, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-attur ikun ipprova l-fatti minnu allegati fir-rikors maħluf; bażi tat-talbiet tiegħu. Ħaġa li l-attur manifestament naqas milli jagħmel.

M'hemm l-ebda prova li l-ftehim sar ma' Ivan Riccardi personalment.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tillibera lil Ivan Riccardi mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Tiċħad it-talbiet tal-attur kontra International Horses Transport Limited.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA